26.11.2019

B9-0197/2019 }
B9-0198/2019 }
B9-0201/2019 }
B9-0203/2019 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt fuq l-agrikoltura Ewropea tad-deċiżjoni tad-WTO dwar it-tilwima li tikkonċerna l-Airbus

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa A (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-enfasi attwali fuq l-esportazzjoni tal-UE tikkontribwixxi għal produzzjoni eċċessiva sistematika u prezzijiet baxxi mal-ħruġ mill-azjenda agrikola, li huma fatturi sinifikanti fl-instabbiltà kontinwa ta' ċerti setturi;*** |

Or. en

26.11.2019

B9-0197/2019 }
B9-0198/2019 }
B9-0201/2019 }
B9-0203/2019 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt fuq l-agrikoltura Ewropea tad-deċiżjoni tad-WTO dwar it-tilwima li tikkonċerna l-Airbus

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-agrikoltura ma tibqax tiġi ttrattata bħala pedina ta' negozjar fil-politika kummerċjali, la fin-negozjati lejn ftehimiet ġodda ta' kummerċ ħieles, u lanqas fir-riżoluzzjoni ta' tilwim li jikkonċerna setturi oħra; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-iżbilanċi fil-governanza tal-kummerċ tagħha stess, filwaqt li tivvaluta b'mod partikolari l-kostijiet, il-benefiċċji u r-riskji għall-bdiewa u l-produtturi iżgħar tul it-tmexxija tal-politika kummerċjali tagħha;*** |

Or. en

26.11.2019

B9-0197/2019 }
B9-0198/2019 }
B9-0201/2019 }
B9-0203/2019 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt fuq l-agrikoltura Ewropea tad-deċiżjoni tad-WTO dwar it-tilwima li tikkonċerna l-Airbus

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Ifakkar li l-kummerċ agrikolu huwa differenti mill-kummerċ f'setturi oħra, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatt li l-ikel adegwat huwa dritt rikonoxxut skont id-dritt internazzjonali, u tal-fatt li l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet agrikoli bħalissa jinkludu l-kummerċ u t-trasport ta' annimali ħajjin, li huma rikonoxxuti bħala esseri sensibbli; jistieden lill-Kummissjoni biex, b'dan f'moħħha, tkompli bl-isforzi tagħha biex tappoġġja r-riforma tad-WTO, b'mod partikolari bil-ħsieb li tadattaha fid-dawl tal-isfidi u l-impenji kontemporanji fejn l-agrikoltura għandha rwol vitali, bħat-tibdil fil-klima u l-Ftehim ta' Pariġi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;*** |

Or. en

26.11.2019

B9-0197/2019 }
B9-0198/2019 }
B9-0201/2019 }
B9-0203/2019 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt fuq l-agrikoltura Ewropea tad-deċiżjoni tad-WTO dwar it-tilwima li tikkonċerna l-Airbus

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'konformità mar-regoli tad-WTO, biex jużaw l-istrumenti regolatorji tal-PAK xierqa u l-għodod nazzjonali rilevanti ħalli jappoġġjaw lill-bdiewa, lill-ħaddiema agrikoli u lill-ħaddiema tul il-katina tal-provvista tal-ikel milquta, u jekk jintlaħqu l-kriterji, biex jippreżentaw applikazzjoni għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;*** |

Or. en

26.11.2019

B9-0197/2019 }
B9-0198/2019 }
B9-0201/2019 }
B9-0203/2019 } RC1/Am. 5

**Emenda 5**
**Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt fuq l-agrikoltura Ewropea tad-deċiżjoni tad-WTO dwar it-tilwima li tikkonċerna l-Airbus

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Iqis li l-kampanji ta' promozzjoni ffinanzjati mill-UE għandhom jitfasslu mill-ġdid biex jinkludu limitu massimu għall-appoġġ għal kull applikant u enfasi akbar fuq ħtiġijiet lokalment rilevanti, bħall-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista iqsar, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-produtturi fil-katina tal-provvista, il-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa, il-konservazzjoni ta' varjetajiet traskurati/mhux użati biżżejjed u diversità ġenetika usa' tal-uċuħ tar-raba', u l-preservazzjoni ta' modi ambjentalment sostenibbli ta' agrikoltura sinifikanti għaż-żoni rurali;*** |

Or. en